# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 186/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Stefan Vella**

Illum 20 ta' April 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Stefan Vella**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 34289(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-23 ta' Diċembru 2020 għall-ħabta ta' bejn is-sebgħa u nofs ta' filgħodu (07.30hrs) u t-tmienja u nofs ta' filgħodu (08.30) fl-ibħra territorjali Maltin u/jew fil-viċinanzi ta' San Pawl il-Baħar, Malta:

1. ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, ħa jew ipprova jieħu xi għasafar li huma protetti taħt dawn ir-regolamenti ċioè

Kuluvert tas-Salib (*Common Shelduck*) (*Tadorna tadorna*) jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kondizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata taħtha bi ksur tar-Regolament 4(1)(a) ta' L.S. 549.42;

2. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kkaċċja jew ipprova jikkaċċja lil xi għasfur li mhux inkluż fit-Taqsima B ta' l-iSkeda II u dan bi ksur tar-Regolament 5(1) ta' L.S. 549.42;

3. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kien fil-pussess jew kellu fil-kontroll tiegħu jew żamm kampjuni ta' għasafar, kemm ħajjin jew mejtin, jew parti li tista' tingħaraf jew derivattivi tagħhom ċioè għasafar li mhux inklużi fl-iSkeda II jew fl-iSkeda III u meta dawk l-għasafar ma kienux ġew iddikjarati u reġistrati ma' l-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u mingħajr ma kien fil-pussess tal-permessi jew ċertifikati ta' reġistrazzjoni maħruġa mill-Awtorita' Kompetenti għaż-żamma ta' dawk l-għasafar skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 21, jew ikunu ġew impurtati legalment skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 6(1)(a), jew ġew meħuda jew akkwistati legalment fi Stat Membru jew imrobbija fil-magħluq u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(e) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42.

Il-Qorti ġiet mitluba illi barra li tagħti l-piena taħt ir-Regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti ta' l-2006 Dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perjodu applikabbli taħt l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' April 2022, fejn il-Qorti, wara li rat Regolamenti 4(1)(a) u 5(1) tal-Avviż Legali 79 tas-sena 2006 (hekk kif sussegwentement emendat), Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu (salv għat-tielet

(3) imputazzjoni li ġiet irtirata mill-Prosekuzzjoni) u konsegwentement ikkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' ħamest elef Euro (€5,000) li b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn Euro (€200) fix-xahar. F'każ li l-ħlas ikun ħa jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi. Finalment, l-Ewwel Qorti, fit-termini ta' Regolament 27 tal-Avviż Legali 79 tas-sena 2006, ordnat ir-revoka permanenti tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġ taħt ir-Regolament tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-26 ta' April 2022 fejn talab lil din l-Qorti sabiex:

*"**Tikkonferma** s-sentenza fejn jirrigwarda l-ammissjoni tiegħu għall-ewwel u t-tieni imputazzjoni;*

***Tikkonferma** s-sentenza fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tielet akkuża minħabba li l-Prosekuzzjoni irtirat l-akkuża;*

***Tirriforma** l-piena billi tħassarha fejn irrevokat permanentement il-liċenzja jew permess rilevanti maħruġ taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija u tapplika tali sospensjoni fil-parametri tar-Regolament 27(2)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42;*

***Tirriforma** l-piena ukoll f'dak li jirrigwarda l-multa ta' Euro 5,000 imposta billi tagħti piena aktar ġusta u xierqa tenut taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif esposti quddiem din l-Onorabbli Qorti."*

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellant ammetta quddiem l-Ewwel Qorti għall-ewwel (1) u għat-tieni (2) imputazzjoni addebitati fil-konfront tiegħu wara li l-Prosekuzzjoni rtirat it-tielet (3) imputazzjoni.

Illi l-fatti ta' dan il-każ huma relattivament sempliċi. Jirriżulta li fit-23 ta' Diċembru 2020 waqt li l-appellant kien fuq id-dgħajsa tiegħu huwa lemaħ xi tjur u spara fuqhom. Mill-istqarrija (Dok. "X3" – *a fol.* 14 *et seq.*) rilaxxata mill-appellant lill-Pulizija jirriżulta li huwa ma ndunax li l-qatgħa tal-għasafar li spara fuqhom kienu kuluvert tas-salib (*Common Shelducks*) tant li meta nduna x'razza kienu dawn l-għasafar huwa telaqhom fil-baħar. Fl-istqarrija tiegħu l-appellant ammetta li spara fuq dawn il-papri.

Illi l-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jisħaq li saret interpretazzjoni ħażina tal-fatti li wasslet għall-applikazzjoni ħażina tal-liġi u tal-piena. Jilmenta li l-Ewwel Qorti applikat it-tielet proviso[1] ta' Regolament 27(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta waqt li skont hu kellha tapplika

[1] "Iżda wkoll minkejja dak provdut f'dan is-subregolament, kull persuna li tikkaċċja jew tittanta li tikkaċċja jew tieħu jew tittanta li tieħu għasafar inklużi fl-Iskeda I jew fl-Iskeda IX, iżda mhux inklużi fl-Iskeda II, teħel: (a) meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, multa ta' ħamest elef euro (€5,000) jew priġunerija għal żmien sena, jew dik il-multa u priġunerija flimkien, kif ukoll ir-revoka permanenti tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġa skont dawn ir-regolamenti u skont it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, kif ukoll il-konfiska tal-*corpus delicti*; (b) [...]".

Regolament 27(2)(a)[2] tal-Leġislazzjoni Sussidjarja msemmija minħabba li jargumenta li l-papri li spara fuqhom m'humiex inklużi fi Skedi I jew IX tal-Leġislazzjoni Sussidjarja in kwistjoni. L-appellant jisħaq li konsegwentement l-għasafar li spara fuqhom ma jgawdux mill-istess protezzjoni li l-liġi toffri fil-każ ta' għasafar li huma mniżżla taħt l-iSkedi msemmija.

Illi din il-Qorti rat li taħt Skeda I tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta hemm msemmija t-tajra *Tadorna feruginea* li tiġi *Ruddy shelduck* liema tajra hija differenti minn dik maqtula mill-appellant li hija *Tadorna tadorna* (*Common shelduck*). Għalhekk l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena qalet, fost l-oħrajn hekk: *"ċ-ċirkostanzi relatati mal-imputazzjonijiet li tagħhom qed jinsab ħati nkluż il-fatt li t-tajra in kwistjoni hija waħda skedata taħt Skeda I; it-tielet proviso tar-Regolament 27(2) tal-LS 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta li ma jagħti l-ebda diskrezzjoni lil din il-Qorti għal dak li jirrigwarda piena"*. Tenut kont ta' dak li ngħad aktar qabel, l-Ewwel Qorti ma kellhiex tapplika t-tielet proviso ta' Regolament 27(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan qalitu wkoll il-Prosekuzzjoni meta għamlet is-sottomissjonijiet tagħha quddiem din il-Qorti fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2023.

Illi fir-rigward tar-revoka permanenti tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġ taħt ir-Regolament tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija hekk kif ordnat fis-sentenza appellata, l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tordna r-revoka permanenti msemmija.

Illi dwar ir-revoka permanenti msemmija din il-Qorti tinnota li l-atti proċesswali jikkontjenu l-fedina penali tal-appellant minn liema jirriżulta li numru ta' snin ilu huwa kien instab ħati ta'

[2] "Kull persuna li twettaq reat kontra r-regolamenti 4, 6, 18, 19, 21,23 u 24 tista' teħel: (a) meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000) u l-konfiska tal-*corpus delicti*. Il-Qorti għandha wkoll tordna s-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġa taħt dawn ir-regolamenti u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għal perijodu ta' mhux anqas minn sentejn iżda mhux aktar minn ħames snin; (b) [...]."

imputazzjoni jew imputazzjonijiet relatati mal-kaċċa u ġie kkundannat iħallas multa ta' mitejn u erbgħin Euro (€240). Mill-fedina penali msemmija ma jirriżultax ta' liema imputazzjoni/imputazzjonijiet l-appellant kien ġie misjub ħati f'dak il-każ u b'hekk din il-Qorti mhijiex f'pożizzjoni tgħid jekk l-appellant wettaqx reat kontra r-Regolamenti li kienu (u jista' jkun għadhom) viġenti u dana sabiex tikkonstata jekk l-appellant għandux jiġi kkunsidrat li huwa ħati jew le għat-tieni darba għar-reati li huwa nstab ħati tagħhom mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Kien ikun differenti kieku f'dan il-każ partikolari l-Prosekuzzjoni eżebiet is-sentenza li hija riflessa fil-fedina penali tal-appellant u dan sabiex din il-Qorti tikkonstata dan kollu li għadu kemm ingħad. Fl-assenza ta' dan, il-Qorti mhijiex f'pożizzjoni tgħid jekk l-appellant għandux jiġi kkunsidrat li huwa ħati għat-tieni darba u b'hekk mhux il-każ li din il-Qorti tordna r-revoka permanenti tal-liċenzja jew permess rilevanti *ai termini* tal-proviso ta' Regolament 27(2)(b) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta. Minkejja dan il-Qorti ser tordna s-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġa taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal perjodu ta' mhux anqas minn sentejn pero' mhux aktar minn ħames snin u dan fid-dawl ta' dak li jiddisponi Regolamenti 27(2)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, l-ewwel aggravju tal-appellant qed ikun milqugħ.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju l-appellant isostni li l-multa mposta mill-Ewwel Qorti kienet waħda eżaġerata in vista tal-fatti u jitlob li jkun hemm temperament sostanzjali fiha. Din il-Qorti ma tantx għandha wisq xi tgħid dwar dan l-aggravju għajr għall-fatt li ser ikun hemm tnaqqis tal-multa li ġiet imposta mill-Ewwel Qorti u dana meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad fir-rigward tal-ewwel aggravju u meħud in konsiderazzjoni wkoll tal-fatt li l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant ħati ta' Regolamenti 4(1)(a) u 5(1)

tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta li l-piena relattiva tagħhom temerġi minn Regolamenti 27(2)(a) u 27(3)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja msemmija u li l-Ewwel Qorti kellha tapplika s-sub-Regolamenti msemmija fir-rigward tal-piena. B'hekk anke t-tieni aggravju tal-appellant qed ikun milqugħ b'dan illi fir-rigward tal-multa li din il-Qorti ser tikkundanna lill-appellant iħallas hija ser tieħu in konsiderazzjoni l-ko-operazzjoni tiegħu mal-Pulizija hekk kif ittieħdet l-istqarrija tiegħu, l-ammissjoni bikrija ta' ħtija tiegħu fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni u kif ukoll dak li wassal lill-appellant jispara fuq it-tjur in kwistjoni.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell u għalhekk tgħaddi biex tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni addebitati kontrih u tikkonferma wkoll dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tielet (3) imputazzjoni minħabba li ġiet irtirata mill-Prosekuzzjoni;

- tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas multa ta' ħamest elef Euro (€5,000) u fejn l-Ewwel Qorti ordnat ir-revoka permanenti tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġ taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija u minflok tikkundanna lill-appellant iħallas multa ta' elf Euro (€1,000) u tordna s-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġ taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal żmien sentejn millum.

- tikkonferma l-bqija tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**